MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2004

Ċitazzjoni Numru. 940/2003

Polidano Press Limited
vs
Ray Gera

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Peress illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' Lm5187.75 u dan skond ma jirrizulta mill-iskrittura akkluza mac-citazzjoni li permezz taghha huwa irrikonoxxa d-debitu tieghu, kif ukoll li jhallas l-imghax bir-rata ta' 8% fis-sena.

Peress illi l-konvenut ghalkemm inghata z-zmien kollu necessarju ghall-pagament baqa' ma hallas xejn u l-ammont dovut sat-30 ta' Gunju 2003 jammonta ghal-Lm6114.49 skond ma jirrizulta mill-istatement anness mac-citazzjoni li ghalkemm interpellat sabiex ihallas

permezz ta’ l-ittra legali ta’ l-1 ta’ Settembru 2003 baqa’ inadempjenti.

U peress illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta` attrici l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x’ jaghti u ghalhekk il-kawza tista’ tigi deciza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti biex:

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza ai termini tal-Artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe` bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza; u

Tikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta’ Lm6114.49 kwantu ghall-Lm5187.75 kapital u kwantu ghall-Lm926.74 imghax kalkolabbili sat-30 ta’ Gunju 2003 bir-rata miftehma ta’ 8% fis-sena – kollox kif imsemmi fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-imghax legali addizzjonali kalkolabbli mill-1 ta’ Lulju 2003 sal-gurnata tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

**PROVI:**
Rat illi llum xehed Alfred Polidano Managing Director tas-socjeta` attrici li qal li dwar il-konvenut Ray Gera l-pozizzjoni minn meta giet prezentata c-citazzjoni u cioe` mis-16 ta’ Settembru 2003 sal-lum baqghet l-istess.

**KONKLUZJONIJIET:**
Rat li l-konvenut debitament notifikat fiz-zmien preskritt mil-ligi baqa’ kontumaci;

Rat li fis-seduta tal-lum meta l-konvenut gie msejjah tlett darbiet ma deherx.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata, u hemm lok li s-sentenza tinghata llum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;

Tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fic-citazzjoni u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm6114.49 kwantu ghall-Lm5187.75 kapital u kwantu ghall-Lm926.74 imghax kalkolabbili sat-30 ta' Gunju 2003 bir-rata miftehma ta' 8% fis-sena, l-imghax legali addizzjonali kalkolabbli mill-1 ta' Lulju 2003 sal-gurnata tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------